## BJUDA BIL-LEJL

*Il-lejla xħin kont dieħel*
*għajjien ġo dari*
*għannqitni l-fwieħa bajda taż-żahar ħlejju,*
*li mal-bjuda tal-qamar*
*fis-siġra kien iħellex*
*bħad-djamanti.*

*Kienet ir-ruħ qiegħda titrejjaq*
*bl-għasel ta' dik il-fwieħa*
*friska u bnina*
*li nisslet fija d-dawl tal-poeżija.*

V. M. Pellegrini.

---

## QALB TA' OMM.

*Lil hija Daddu,*
*Li dejjem u f'kollox għallimni.*

*Nasbitu b'ħażen kbir ta' mara kiefra,*
*Xennqitu b'ġmielha, u f'qabħa daħket bih;*
*Staħbiet għal żmien, u xandret li hi msiefra,*
*Biex tkompli tonsob dal-għasfur sabiħ.*

*Bis-sengħa tax-xitan għamlitu tagħha,*
*Serqitlu ruħu, baqgħet sa ma ħlietu;*
*Xebgħana hi, keċċietu fqir, bla saħħa,*
*Biex teħles minnu żgur b'dal-kliem ħallietu:*

*"Jekk tħobbni, oqtol 'l ommok u ġib qalbha;*
*Int lilha tħobb; u dejjem moħħok fiha!*
*Dejjaqtni, itlaq! Issa xbajt imsallba,*
*U 'l hawn tersaqx sa tasal dik is-siegħa!"*

*Idamdam f'moħħu beda l-kliem li sama':*
*Kien dara jobdi għal kull xewqa tagħha,*
*U bla ma jaf, b'sikkina 'l idu rama;*
*Kif qaltlu sar, u b'ġibda l-qalb qalagħha.*

*Qalagħha biex jeħodha lis-saħħara;*
*Żelaq u weġġa; baqa' għajjien taħt ħajt.*
*Qalb ommu, ferfret, u staqsiet bi ħrara:*
*"Jaħasra, ibni! Għidli, int weġġajt?"*

*Ġużè Manara.*